# Aġġornamenti bil-Posta Elettronika

# Politika dwar il-privatezza

## 1. Introduzzjoni

Il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea hija rregolata mir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018[1]. Dan ir-Regolament isegwi l-istess prinċipji u regoli bħal dawk stabbiliti fir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data[2].

L-informazzjoni li qed nagħtuk hawn taħt hi bbażata fuq l-Artikoli 15 u 16 tar-Regolament (UE) 2018/1725.

[1] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE, ĠU L 295, tal-21/11/2018, p. 39

[2] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data.

## 2. Għaliex nipproċessaw id-data tiegħek?

Nipproċessaw l-informazzjoni personali tiegħek sabiex nibagħtulek notifiki awtomatiċi bl-email meta tiżdied informazzjoni ġdida f'ċerti partijiet tas-siti web tagħna. B'hekk inżommuk infurmat dwar punti ta' interess mingħajr ma jkollok bżonn tmur lura fis-sit web biex tiċċekkja għal aġġornamenti.

Għal raġunijiet tekniċi, jeħtieġ li nemigraw għal sistema ġdida ta' abbonament għal notifiki bl-email.

Għandek l-għażla li taqleb jew le għas-sistema l-ġdida. Jekk tixtieq tagħmel dan, il-proċess ta' migrazzjoni għandu żewġ passi:

1) Jintbagħatlek email li jitolbok tingħaqad mas-sistema l-ġdida.

2) Fil-paġna prinċipali tas-sistema l-ġdida, tista' tara struzzjonijiet dwar kif toħloq kont. Dan il-pass huwa meħtieġ jekk tixtieq tkompli tirċievi emails mill-Parlament Ewropew. Għandek bżonn indirizz tal-email validu biex toħloq il-kont. Barra minn hekk, matul il-proċess ta' reġistrazzjoni qed nitolbu informazzjoni addizzjonali għal skopijiet ta' statistika biss. L-għoti ta' din l-informazzjoni huwa fakultattiv, u l-għażla li ma tagħtix din l-informazzjoni mhux se taffettwa l-

karatteristiċi, il-funzjonalitajiet u s-servizzi pprovduti mis-sistema. Barra minn hekk, id-data hija anonimizzata (id-data tinħażen b'tali mod li pereżempju s-sistema tkun tista' tidentifika li hemm żewġ kontijiet mill-pajjiż X iżda mhux se tkun tista' tgħid min huma l-utenti).

Ladarba tkun irreġistrat fis-sistema l-ġdida, nipproċessaw l-informazzjoni personali tiegħek sabiex nipprovdulek l-informazzjoni rilevanti (abbażi tal-għażliet tiegħek) relatata mal-attivitajiet tal-Parlament Ewropew (PE), permezz ta' emails.

L-ipproċessar tad-data tiegħek isir skont u abbażi tal-Artikolu 5(d) tar-Regolament (UE) 2018/1725 – il-kunsens tas-suġġett tad-data.

## 3. Min hu responsabbli għall-ipproċessar tad-data tiegħek? (Il-kontrollur)

Il-Parlament Ewropew jaġixxi bħala l-kontrollur. Id-data tiegħek tiġi pproċessata taħt ir-responsabbiltà tal-Unità tal-Ġestjoni tas-Sit Web tad-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni, irrappreżentat mill-Kap tal-Unità.

Tista' tikkuntattja l-kontrollur permezz ta' email lil webmaster@europarl.europa.eu.

## 4. X'data personali nipproċessaw?

Meta jinħoloq il-kont tiegħek fis-sistema, tintalab l-informazzjoni li ġejja:

- Indirizz tal-email: din hija l-unika informazzjoni obbligatorja li trid tipprovdi, peress li s-sistema teħtieġ indirizz tal-email fejn tibgħat il-bullettini. Iservi wkoll bħala l-identifikatur uniku tal-utent fis-sistema ta' bulettini
- Pajjiż tal-oriġini (fakultattiva – għal skopijiet ta' statistika biss)
- Grupp ta' età (fakultattiva – għal skopijiet ta' statistika biss)
- Industrija (fakultattiva – għal skopijiet ta' statistika biss)
- Kif sirt taf bina (fakultattiva – għal skopijiet ta' statistika biss)

Nitolbuk tinnota li l-informazzjoni fakultattiva hija għal skopijiet ta' statistika biss u r-rifjut tiegħek li tipprovdiha bl-ebda mod mhu se jaffettwa s-servizzi li qed nipprovdu permezz ta' din is-sistema.

## 5. Lil min tingħata d-data tiegħek?

L-aċċess għad-data tiegħek jingħata lil numru limitat ta' skrivani tal-Parlament Ewropew u lil dawk l-iskrivani biss li qed jaħdmu fl-unitajiet / direttorati li huma direttament involuti fl-użu tas-sistema (il-Kontrollur).

L-iskrivani tal-PE jistgħu jintervjenu biss fuq talbiet tiegħek bil-għan li jew iħassru d-data tiegħek mis-sistema kompletament jew jaġġornaw id-data tiegħek (eż. irtirar tal-kunsens, aġġornament tal-indirizz tal-email).

Id-data tiegħek ma tiġix trasferita barra mill-Unjoni Ewropea u ma tiġix kondiviża ma' pajjiż mhux tal-UE jew ma' organizzazzjoni internazzjonali.

Il-Parlament Ewropew huwa l-utent uniku tad-data miġbura.

## 6. Għal kemm żmien tinżamm id-data tiegħek?

Id-data tiegħek tinżamm sakemm ikollok kont. Tista' tħassar il-kont tiegħek fi kwalunkwe ħin. Mill-mument li tkun ħassart il-kont tiegħek, id-data tinżamm għal 48 siegħa oħra, biex tingħatalek il-possibbiltà li terġa' tattiva l-kont tiegħek. Wara dawk it-48 siegħa, il-kont tiegħek u d-data kollha tiegħek jitħassru b'mod permanenti mis-sistema.

## 7. Kif tinħażen id-data tiegħek?

Il-Parlament Ewropew jimpenja ruħu li jipproteġi s-sigurtà tal-informazzjoni personali tiegħek. Nużaw varjetà ta' teknoloġiji u proċeduri ta' sigurtà bil-għan li ngħinu l-protezzjoni tal-informazzjoni personali tiegħek minn aċċess, użu jew divulgazzjoni mhux awtorizzati. Id-data personali tiegħek tinħażen f'servers siguri b'aċċess limitat, li jinsabu f'faċilitajiet ikkontrollati taċ-Ċentru tad-Data fil-Lussemburgu – l-Ewropa.

Id-data tiegħek tinħażen awtomatikament (kriptata) fil-bażi tad-data tas-sistema fil-mument li tkun ħloqt il-kont. Kull darba li jkun hemm aġġornament dwar suġġett, is-sistema tiċċekkja jekk abbonajtx għas-suġġett u jekk iva, tibgħat il-bullettin fl-indirizz tal-email li użajt meta ħloqt il-kont.

Jistgħu jintbagħtulek emails addizzjonali, iżda biss b'rabta mas-sistema (eż. notifika li l-kont inħoloq jew li s-sistema se tagħlaq għal manutenzjoni għal ċertu perjodu ta' żmien).

Ma jintuża l-ebda proċess awtomatizzat u / jew tfassil ta' profili biex tittieħed deċiżjoni li tista' taffettwa lilek jew id-drittijiet tiegħek.

## 8. Kif tista' taċċessa d-data tiegħek, tiċċekkja l-preċiżjoni tagħha u, jekk ikun hemm bżonn, tivverifikha, tikkoreġiha jew tħassarha?

Skont ir-Regolament (UE) 2018/1725, inti, bħala s-suġġett tad-data, għandek id-drittijiet li ġejjin:

- Id-dritt ta' aċċess għad-data personali tiegħek.
- Id-dritt ta' rettifika tad-data personali tiegħek.
- Meta applikabbli, id-dritt li tħassar id-data personali tiegħek.
- Meta applikabbli, id-dritt għal restrizzjoni tal-ipproċessar.
- Meta applikabbli, id-dritt ta' oġġezzjoni għall-ipproċessar.
- Id-dritt li tirtira l-kunsens tiegħek fi kwalunkwe ħin, mingħajr ma taffettwa l-legalità tal-ipproċessar ibbażat fuq il-kunsens qabel ma jiġi rtirat.

Tista' taċċessa, taġġorna jew tħassar id-data tiegħek mis-sistema permezz tal-interfaċċa tal-utent. Tista' tagħżel ukoll dwar liema suġġetti tixtieq tinżamm aġġornat.

Tista' tikkuntattja lit-tim ta' appoġġ fl-indirizz li ġej sabiex titlob li teżerċita kwalunkwe wieħed mid-drittijiet imsemmija hawn fuq: webmaster@europarl.europa.eu

Parlament Ewropew
Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni
Direttorat għall-Kampanji
Rue Wiertz 60
B-1047 Brussell

## 9. Lil min għandek tikkuntattja jekk ikollok mistoqsija jew ilment?

Fi kwalunkwe ħin, tista' tikkuntattja lit-tim ta' appoġġ tal-proġett fl-indirizz li ġej: webmaster@europarl.europa.eu. It-tim ta' appoġġ jista' jgħinek taġġorna jew tħassar id-data jew tipprovdi informazzjoni addizzjonali dwar l-ipproċessar tad-data tiegħek.

F'każ li għandek xi tħassib u / jew ilmenti dwar l-ipproċessar tad-data personali tiegħek, tista' tikkuntattja lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data tal-Parlament Ewropew fl-indirizz li ġej: Data-Protection@europarl.europa.eu. L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data tal-Parlament Ewropew jiżgura li l-istituzzjoni tapplika d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 2018/1725.

Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data
Parlament Ewropew
2, rue Alcide De Gasperi
L-1615 – Il-Lussemburgu

Għandek id-dritt li tressaq ilment quddiem il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (edps@edps.europa.eu) fi kwalunkwe ħin rigward l-ipproċessar tad-data personali tiegħek. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD) iservi ta' awtorità superviżorja indipendenti. Il-KEPD jara li l-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-UE jirrispettaw il-privatezza meta jipproċessaw id-data personali tal-individwi.